



Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

8305/23

LIMITE

POLCOM 65
SERVICES 13
COASI 78
TELECOM 101
DATAPROTECT 100

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	8304/23 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet dwar dixxiplini ta' kummerċ diġitali mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore - Adozzjoni

1. Fl-14 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal dixxiplini ta' kummerċ diġitali mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore¹.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fil-15 ta' Mejju 2023.
3. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti - Servizzi u Investimenti) iddiskuta r-rakkomandazzjoni fid-19 ta' April, it-3 ta' Mejju u l-24 ta' Mejju. Abbażi ta' proposta ta' kompromess tal-Presidenza, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti - Servizzi u Investimenti) approvaha fit-30 ta' Mejju b'modifiki biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa. L-abbozz ta' direttivi ta' negozjati relatat ġie approvat fl-istess ħin.

¹ Dok. 8304/23 + ADD 1.

4. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-pubblikazzjoni tad-direttivi ta' negozjati wara l-adozzjoni mill-Kunsill, l-ebda delegazzjoni ma qajmet oġġezzjoni. Il-Kunsill għandu għalhekk jintalab jiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-direttivi ta' negozjati wara l-adozzjoni tagħhom.
5. Fid-dawl ta' dan, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8886/23²;
 - jadotta l-addendum għad-dokument 8886/23 li fih id-direttivi ta' negozjati relatati;
 - jippubblika d-direttivi ta' negozjati wara li jiġu adottati, bil-fehim li din id-deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent għal direttivi ta' negozjati oħra, u li kwalunkwe deċiżjoni biex joħorġu direttivi ta' negozjati oħra għandha tittieħed skont il-każ, billi jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa għat-trasparenza u l-ħtieġa għal ċertu livell ta' kunfidenzjalità sabiex tiġi żgurata l-effettività tan-negozjati; u
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-Parlament.

² Minħabba n-natura tagħha, din id-Deċiżjoni mhux ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ara l-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).